# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **125/2019**

**JOSEPH BORG** [K.I. NRU. 365478M] **EZERCENTI L-KUMMERC**
**TAHT L-ISEM "AJ ELECTRIC" LI TAGHHA HUWA L-UNIKU PROPRJETARJU**

***VERSUS***

**ELTON XUEREB**
[K.I. NRU. 188578M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' Gunju, 2019 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elf, mitejn u disa' ewro u erbgha u tmenin centezmu (€1,209.84c) ghal diversi oggetti lili mibjugha u konsenjati f'okkazzjonijiet diversi, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talab ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji, komprizi dawk marbuta ma' ittra legali datata 7 ta' Mejju, 2019 u anke l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-prezenti kawza sad-data tal-hlas effettiv u finali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu,*

*daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, il-konvenut gie debitament notifikata bl-atti processwali hekk kif implicitu mill-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2019 (*a fol*. 17) u kif espressament registrat fil-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2020 (*a fol*. 23) u la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi difensur ghalih biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ukoll puntwalizzat fil-verbal ta' l-ahhar imsemmija udjenza.[1]

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni mehmuza ma' l-Avviz tat-Talba (*a fol*. 2) u kif ukoll ta' dak affermat mil-attur stess, Joseph Borg, fl-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2020 fejn stqarr bil-gurament hekk: "*Deher l-Attur Joseph Borg illi bil-gurament tieghu moghti seduta stante ikkonferma illi l-ammont mitlub f'dawn il-proceduri, ossija ta' EUR1209.84, ghadu interament dovut u illi l-ebda somma akkont ma thallset lilu mill-Konvenut fil-mori ta' dawn il-proceduri. L-Attur Joseph Borg ikkonferma bil-gurament tieghu id-dokument ezebit a fol. 2 tal-proceduri u kif ukoll l-Avviz tat-Talba a fol. 3.*" (ara *a fol*. 23).

Wara li t-Tribunal ha konjizzjoni ta' dan kollu, li jixhed dwar l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri, l-istess jinsab konvint li mill-assjem tieghu jirrizulta li t-talba ta' l-attur hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-parti attrici ma ghandux mis-sewwa.

[1] Ghall-istitut tal-kontumacja u kif dan japplika ghal procedimenti quddiem dan it-Tribunal, wiehed huwa mistieden jara *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Frar, 2019).

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta’ dak fuq kunsidrat – u bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f’dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta – it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur huwa interament dovut mill-konvenut.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, mitejn u disa’ ewro u erbgha u tmenin centezmu (€1,209.84c), bl-imghaxijiet fuq tali ammont, bir-rata ta’ 8%, jibdew mit-3 ta’ Gunju, 2019 (data tal-prezenti sejha gudizzjarja) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri, izda mhux ukoll dawk marbuta ma’ ittra legali datata 7 ta’ Mejju, 2019 (peress li ma gietx formalment ezibita), huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*